MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1200/2004

**Charles u Doreen konjugi Saliba**

**vs**

**Charles Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm631.92) liema somma tinkludi:

(i) Hames mitt lira Maltin (Lm500.00) bhala somma li l-konvenut ftiehem li ser ihallas f'kaz illi ix-xoghlijiet li gew stipulati *inter alia* fil-ftehim datat 22 ta' Ottubru 2003 u li kellhom jitlestew sat-30 ta' Novembru

2003 ma jitlestewx sa dak il-jum, liema xogholijiet il-konvenut ammentta li mhumiex lesti;

(ii) Mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm131.92) illi huma dovuti billi mit-tmien mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm868.00) dovuti skond il-ftehim jitnaqqsu (a) tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm342.00) li gew zbankati mill-atturi wara cedola wara l-mandat ta’ sekwestru numru 1061/2003, u (b) tlett mija u erbgha u disghin lira Maltin u tmien centezmi (Lm394.08) illi huma mertu ta’ mandat ta’ qbid ezekuttiv mahrug kontra l-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju u tal-mandat ta’ qbid ezekuttiv ipprezentati kontestwalment ma’ din it-talba, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagamnet effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm631.92), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju u dak tal-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv prezentati kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------